# Żbalji Ortografiċi Komuni fl-Eżami tal-Malti tal-Matrikola Ordinarja

*Wilfred Cassar*
*Vincent Diacono*

## Introduzzjoni

Ir-riċerka li ppreżentajna fit-teżi *Analiżi ta' l-Iżbalji, l-Aktar Dawk Ortografiċi, fl-Eżami tal-Malti l Matrikola Ordinarja, Ġunju 1983,* flimkien ma' l-istatistika u l-analiżi dwar il-kitba bil-Malti fl-Eżami tal-Malti Matrikola Ordinarja (Mejju/Ġunju 1983), jagħtu ħjiel tal-livell u l-mentalità taż-żgħażagħ fil-lingwa materna tagħhom.

Wieħed jista' jara x'livell laħqu dawn il-kandidati li resqu għal dan l-eżami, kif ukoll wieħed jista' jara jekk il-lingwa Maltija hijiex timxi ma' l-iżvilupp tad-dinja u jekk hemmx bżonn li l-għalliema tal-Malti fl-iskejjel Primarji/Sekondarji jagħmlu iktar enfasi fuq il-lingwa Maltija kemm miktuba kif ukoll mitkellma. Il-kontenut tat-teżi jikkonsisti f'tiftix, studju u analiżi ta' l-iżbalji fil-komponiment u l-"Comprehension test" tal-kandidati. Uħud mill-iżbalji li ġew analizzati huma fl-idejat u sentenzi, fis-sintassi, żbalji ortografiċi u lessikali.

*Għan u firxa tat-tiftix*
L-għan ta' dan it-tiftix mhux qiegħed biss biex juri kemm l-edukazzjoni u l-mentalità elitista qed ittejjeb l-użu u l-kitba tal-lingwaġġ Malti, iżda wkoll biex fejn hemm bżonn, jinstabu mezzi u modi biex jgħinu lit-tfal, l-għalliema u 'l kull min hu kkonċernat fit-tagħlim u t-tixrid tal-Malti, biex żbalji bħal dawn jiġu evitati kemm jista' jkun.

F'dan l-artiklu, aħna ħadna biss siltiet mit-teżi msemmija. Ħassejna li tkun ħaġa tajba li nagħtu rendikont ta' l-iżbalji komuni l-aktar dawk ortografiċi li aħna ltqajna magħhom fit-tiftix tagħna.

Dan l-istudju huwa bbażat fuq "sample" li ttieħed min-numru ta' skripts tal-kandidati li kienu resqu għall-eżami tal-Malti, tal-Matrikola Ordinarja, Sessjoni Ġunju 1983, l-ewwel karta. Aħna ħdimna biss fuq il-komponiment u fuq is-silta ta' proża (Comprehension Test), li huwa t-tieni eżerċizzju fl-Ewwel Karta ta' l-eżami.

Dan is-"sample" ittieħed kif ġej:

Għal dan l-eżami, kienu resqu 2143 kandidat. Għas-"sample" ittieħed skript wieħed minn kull ħamsa tat-total kollu, li ammontaw għal 340 skript u li juru 15.9% ta' l-iskripts kollha. Fil-fehma tagħna, dan huwa "sample" kbir biżżejjed biex jagħti stampa ċara ta' l-iżbalji differenti magħmula mill-kandidati kollha.

*Konklużjonijiet u suġġerimenti dwar xi wħud mill-iżbalji.*

Tabella 1

| Item | Kandidati 'Comp. Test' | Kandidati Komp. | Medja |
|---|---|---|---|
| Konsonanti li jixxiebhu | 104 | 145 | 36.6% |
| L-użu ta' l-'h' u l-'ħ' | 167 | 165 | 48.8% |
| L-użu tal-konsonanti 'z' u 'ż' | 237 | 104 | 50.4% |
| L-użu tal-konsonanti 'g' u 'ġ' | 156 | 61 | 31.9% |
| L-użu tal-konsonanti 'ċ' | 142 | 77 | 32.2% |
| Is-sing ta' l-artiklu | 188 | 153 | 50.1% |
| L-użu tal-vokali tal-leħen fl-artiklu | 157 | 122 | 40.4% |
| Il-konsonanti doppji fil-kliem | 214 | 250 | 68.2% |
| L-użu tan-negattiv | 106 | 68 | 25.6% |
| L-użu tal-partiċelli | 216 | 239 | 66.8% |
| L-użu tal-maskil u l-femminil | 36 | 10 | 6.77% |
| Użu ta' kliem barrani fil-Malti | 156 | 67 | 32.8% |
| L-użu tal-verb | 166 | 200 | 53.8% |
| L-użu tal-qwiel u idjomi | 88 | 62 | 22% |

*Konsonanti li jixxiebhu*
In-numru ta' kandidati li ħadu żball fil-konsonanti li jixxiebhu fil-ħoss, fil-komponiment jammonta għal 145 waqt li fil-"Comprehension Test" jammonta għal 104; il-fatt li l-medja hija ta' 36.6% jurina li l-problema tal-konsonanti li jixxiebhu fil-ħoss verament teżisti. Infatti kemm fil-komponiment kif ukoll fil-"Comprehension Test", l-iktar tip ta' żbalji komuni jikkonċerna l-kitba ta' konsonanti flok oħra

li tinstema' bħala. Eżempju: "tħul" flok "dħul", "sfin" flok "żfin".

Biex l-istudenti jkunu jistgħu jagħrfu liema konsonanti li tixxiebah għandha tinkiteb, l-għalliema jistgħu jgħaddulhom suġġerimenti partikolari jiġifieri li jżidu vokali jew sillaba wara l-konsonanti kkonċernata.

Eż: "qalb" tinstama' "qalp" iżda bil-vokali "i" fit-tarf, tinstama' "qalbi".

Suġġeriment importanti ieħor jista' jkun li nbiddlu s-sura ta' l-istess kelma u ndeffsu vokali wara.

Eż: "żfin" tinħass "sfin" iżda mbagħad nsemmu "żifna".

*L-użu ta' l-'h' u tal-'ħ'*

Mit-*Tabella 1* naraw li fil-komponiment 165 kandidat ħadu żball, waqt li fil-"Comprehension Test" kien hemm 167 kandidat; ċioè medja ta' madwar 48.8%. Dan ifisser li nofs il-kandidati ma kellhomx il-ħila jiddistingwu bejn il-konsonanti 'ħ' u l-'h' fil-kitba. Ta' min jinnota li ħafna mill-kliem żbaljat għandu ħoss ċar ta' 'ħ' jew 'h' bħal dawn iż-żewġ żbalji, li huma: *haddiema, b'ħekk*. F'dawn iż-żewġ mudelli nsibu jew li l-kandidati ma tawx kas għal mod kif għandhom jinkitbu dawn il-konsonanti jew verament ma kinux jafu d-differenza. Dan juri li l-għalliema jridu jenfasizzaw iżjed il-qbil bejn il-ħoss tal-'ħ' u l-'h', u l-mod kif jinkitbu. Fi kliem fejn l-'h' tieħu l-ħoss ta' 'ħ', l-għalliema jistgħu jgħaddu suġġeriment lit-tfal biex dawn ipoġġu vokali wara l-konsonanti li għandha l-ħoss ta' 'ħ' biex jekk il-konsonanti tibqa' bil-ħoss ta' 'ħ' din għandha tinkiteb bħala 'ħ', mentri jekk il-ħoss ta' 'ħ' jintilef meta jkun quddiem vokali, din il-konsonati għandha tinkiteb bħala 'h'.

Eż: "agħtih" tinkiteb bl-'h' għax ngħidu "agħtiha"

"hieni" tinkiteb bl-'h' għax ngħidu "hena".

Żball ieħor huwa n-nuqqas tal-qtugħ ta' ras l-'ħ' fl-'għ'. Insibu eżempji bħal:

"għalhekk" u mhux "ghalhekk"
"tilgħab" u mhux "tilghab"

*L-użu tal-konsonanti z/ż, g/ġ u ċ*

Għalkemm ir-riżultati ta' dan it-tip ta' żball huma differenti kemm fil-komponiment (104 kandidati) kif ukoll fil-"Comprehension Test" (237 kandidati) minħabba li fil-"Comprehension Test" kien hemm numru konsiderevoli aktar ta' żbalji mill-komponiment, xorta jibqa' l-fatt li l-medja ta' kandidati li żbaljaw hija ta' 50.4%. Dan ifisser li ħafna kandidati ma jagħtux kas tal-mod kif tinkiteb il-konsonanti 'z' jew 'ż', għalkemm hemm xi kliem li jistgħu jkollhom il-ħoss ta' "z" ambigwa bħal, per eżempju: "mezzi", "stanza", "gazzetta". Iżda jibqa' l-fatt li ħafna mill-kandidati għamlu żbalji fi kliem sempliċi bħalma huma "rikreażżjoni" flok "rikreazzjoni", "kazini" flok "każini" u "zmien" flok "żmien".

Ir-raġuni aktarx tinstab fil-mod kif qed jiġu mgħallma dawn iż-żewġ konsonanti. Hemm bżonn li minn kmieni l-għalliem joħloq tip ta' logħob edukattiv biex it-tfal jiddistingwu d-differenza fil-ħoss ta' 'z' u 'ż', kif ukoll fil-kitba. Kull meta l-għalliema jaraw l-istudenti jiżbaljaw fihom, jenfasizzawlhom il-ħoss u l-kitba ta' dik il-konsonanti partikolari.

Il-medja ta' kandidati li żbaljaw fil-kitba tal- 'g' u tal-'ġ' hija ta' 31.9% Fil-komponiment kien hemm 61 kandidat li żbaljaw, waqt li fil-"Comprehension Test" kien hemm 156 kandidati li ħadu żball fil-kitba tal-'ġ' u 'g'. Ħafna kandidati żbaljaw fi kliem sempliċi fejn mhux suppost li kien hemm ambigwità fil-kitba tal-konsonanti 'ġ' u 'g'.

Eż: "progetti" flok "proġetti"
"ġwaj" flok "gwaj"

L-istess suġġeriment għall-kitba taż-'ż' u z-'z' jista' jerġa' jiġi msemmi, jiġifieri, jekk irridu li jkun hemm iżjed attenzjoni fil-kitba ta' dawn il-konsonanti, hemm bżonn li dawn jiġu mgħallma b'mod effettiv biex b'hekk it-tfal jaslu biex jaraw id-differenza li teżisti fil-ħoss bejn il-konsonati 'ġ' u 'g', u l-kitba differenti tagħhom li hija marbuta ma' l-istess ħoss.

Minn din il-kategorija ta' żbalji, l-inqas medja (32.3%) instabet fil-kitba ħażina taċ-'ċ' (ara Tabella 1). Hawnhekk tajjeb li wieħed josserva li ħafna kandidati jew ma kinux jafu jew insew li fil-Malti l-konsonanti 'c' mingħajr tikka ma teżistix ħlief f'xi kunjomijiet bħal: Cassar, Camilleri, u oħrajn. Bla dubju, trid tiġi mogħtija iktar attenzjoni għal mod kif l-għalliema jgħallmu u jikkoreġu din il-konsonanti partikolari, u kemm jista' jkun ma jħallux il-kitba tat-Taljan u ta' l-Ingliż tinfluenza l-ortografija Maltija.

*L-użu ta' l-artiklu*

In-numru ta' kandidati li żbaljaw kemm fil-komponiment (153) kif ukoll fil-"Comprehension Test" (188) huwa wieħed kważi korrelatat: il-medja tal-kandidati li żbaljaw fl-użu ta' l-artiklu u s-sing hija ta' 50.1% Waħda mid-diffikultajiet li ltaqgħu magħhom il-kandidati hija l-kitba tas-sing wara l-artiklu. Minn dan jirriżulta li ħafna mill-kandidati jew insew jew ma jafux ir-regola bażika li fil-Malti, l-artiklu bil-fors irid jieħu s-sing. Ħafna mill-kandidati qed jiġu mfixkla mill-kitba ta' l-artiklu fil-lingwa Taljana, eżempju:

"l'uniku" flok "l-uniku" għax fit-Taljan jinkiteb "l'unico",
"il multa" flok "il-multa" għax fit-Taljan tinkiteb "la multa".

L-għalliema jridu jenfasizzaw iżjed il-kitba tajba ta' l-artiklu u s-sing quddiem nom jew aġġettiv, biex l-istudenti ma jħalltux l-artiklu ma' '-il' ta' kelmiet il-għadd, eż: *ħdax-il; kemm-il darba*, fejn is-sing jiġi qabel 'il' u mhux wara.

Ta' min jinnota wkoll li l-medja tal-kandidati li żbaljaw fil-kitba tal-vokali tal-leħen ta' l-artiklu hija ta' 40.4% (ara Tabella 1). Dan il-persentaġġ iwassalna għall-konklużjoni li ħafna kandidati ma jafux li l-vokali tal-leħen ta' l-artiklu taqa' meta tiġi wara kelma li tispiċċa b'vokali. Ħafna mill-iżbalji meħuda jixbhu dawn iż-żewġ mudelli:

"Il-problemi *u it*-tbatijiet" . . . . flok
"Il-problemi u t-tbatijiet . . . "
"Billi tobd*i il*-liġijiet" . . . . . flok
"Billi tobdi l-liġijiet . . . ."

Bħalma għadna kif semmejna ftit qabel, hawn ukoll hemm bżonn ta' iżjed taħriġ serju min-naħa tal-kandidati u korrezzjoni kontinwa min-naħa ta' l-għalliem. M'għandux ikun hemm diffikulta' biex tiġi mgħallma aħjar ir-regola dwar l-użu tal-vokali tal-leħen ma' l-artiklu f'sitwazzjonijiet differenti, minħabba li ħafna drabi ma jkunx hemm ambigwita' fit-tħaddim ta' din ir-regola.

*Il-konsonanti doppji fil-kliem*
Mill-analiżi li saret instab li kemm fil-komponiment (250 kandidati) kif ukoll fil-"Comprehension Test' (214 kandidati) kien hemm numru konsiderevoli ta' kandidati li żbaljaw fil-kitba tal-konsonanti doppji. Infatti, fiż-żewġ tipi ta' analiżi, iktar min-nofs il-kandidati tħawdu tant li l-medja ta' kandidati li żbaljaw toqrob lejn 68.2%. Mill-istudju li sar, instab li l-kandidati żbaljaw kemm fin-nuqqas ta' konsonanti doppji fin-nomi u verbi, eżempju: *hadieħor, jitwaqfu*, kif ukoll fl-użu ħażin tal-konsonanti doppji f'nomi u verbi, eżempju: *xitta, iħħossu*.

Dan kollu jwassalna għall-konklużjoni li l-istudenti mhux qed jiġu mgħallma b'mod effettiv fir-regoli fonetiċi ta' ħafna mill-kliem Malti.

*L-użu tan-negattiv*
Il-medja ta' kandidati li kitbu n-negattiv ħażin hija ta' 25.6%; b'hekk jirriżulta li fil-komponiment 68 kandidat ħadu żball, waqt li fil-"Comprehension Test" in-numru tela' għal 106 kandidati jiġifieri, il-kandidati li żbaljaw kienu jammontaw qrib kwart ta' dawk il-kandidati "sampled". Il-fatt li n-numru ta' kandidati huwa relattivament baxx, jagħtina x'nifhmu li b'iktar attenzjoni min-naħa ta' dawk li żbaljaw, żgur li dan l-iżball jonqos. Hemm bżonn li l-istudenti jitgħallmu b'mod prattiku wħud mir-regoli l-iżjed bażiċi tan-negattiv — Eż: fin-negattiv, il-partiċella *ma* m'għandhiex apostrofu, verb li jispiċċa b'apostrofu taqagħlu l-*għ* bħal 'ma baqax', waqt li ċertu kliem ieħor fin-negattiv għandu jiġi mogħti iktar importanza minħabba t-tlissin u l-kitba tiegħu bħal *mandhomx* flok "m'għandhomx", *maj kunx* flok "ma jkunx".

Kemm bil-metodu tradizzjonali kif ukoll bil-metodu modern, m'għandux ikun hemm diffikulta' biex jiġi mgħallem aħjar l-użu tan-negattiv.

*L-użu tal-partiċelli*
Il-medja tal-kandidati li żbaljaw, kemm fil-komponiment kif ukoll fil-"Comprehension Test", hija ta' 66.8% (ara *Tabella 1*). Dan ifisser li l-maġġoranza tal-kandidati ma kinux ċerti mill-użu tal-partiċelli. L-iżbalji tal-kandidati jistgħu jiġu kklassifikati f'żewġ kategoriji:

(i) l-użu ħażin tal-partiċelli ma' l-artiklu ta' xi nom partikulari, eżempju:
*". . . . jiġbed lill nies il-barra . . . ." flok*
*". . . . jiġbed lin-nies 'il barra . . . ."*
(ii) l-użu ħażin tal-partiċelli quddiem nom mingħajr l-artiklu, eżempju:
*". . . . irid ifendi għall rasu . . . . ." flok*
*". . . . irid ifendi għal rasu . . . . ."*

Dan ma jfissirx li m'hemmx kategoriji oħra ta' żbalji, iżda jibqa' l-fatt li l-kandidati tħawdu l-iżjed f'dawn iż-żewġ kategoriji Aktarx li l-iktar suġġeriment adegwat huwa li jkun hemm taħrig kontinwu u ggradat minħabba partiċelli differenti u sitwazzjonijiet differenti li nkitbu fihom. B'dawn l-eżerċizzji kontinwi u ggradati minn sempliċi għal aktar kumplessi, il-kandidati jaslu biex jifhmu kif għandhom jitħaddmu dawn l-elementi lingwistiċi partikulari. Jinkitbu l-partiċelli "bħal", "lil", "għal" u "minn' meta ngħidu *ta'* qabel nom jew isem propju, (dan jiġri meta l-kelma ta' wara l-partiċella ma tkunx tieħu l-artiklu definit), waqt li niktbu "bħal-", "għall-", "lill-", "mill-" meta ngħidu *tal-* jew *ta' l-*, (jekk il-kelma ta' wara l-partiċella tieħu l-artiklu definit),
eżempju:

Agħti dan *lil* Ġanni għax ngħidu "ta' Ġanni"
Agħti dawn il-kotba *lill*-ħbieb tagħna għax ngħidu "tal-ħbieb tagħna".

Meta "lill-", "għall-", "bħall-", "mill-" u "minn" ikunu quddiem kelma li tibda bl-istess konsonanti li tispiċċa biha dik il-partiċella, din

l-istess partiċella twaqqa' waħda mill-konsonanti tat-tarf, eżempju:

"Dan meħud *mil-l*iġi ta' Malta."

*Il-maskil u l-femminil fis-sentenzi*
Waqt li l-kandidati li żbaljaw il-ġens fil-komponiment kien ta' 2.94% ta' dawk "sampled", fil-"Comprehension Test" kien hemm 10.6% minn dawk "sampled". Jekk wieħed igħodd dawn ir-riżultati flimkien isib medja ta' 6.77%, jiġifieri persentaġġ verament baxx. Il-maġġoranza tal-kandidati aktar ħawdu l-ġens fi frażi partikulari milli f'kelma partikulari:

Eż: "Jekk *id-domanda* tkun *kbir* . . . ." flok
"Jekk id-domanda tkun kbira . . . ."

Minn dan l-istudju naslu għall-konklużjoni li dawn il-ftit kandidati, għalkemm jistgħu jkunu jafu l-maskil jew femminil ta' kelma partikulari, xorta m'humiex kapaċi jqabblu l-ġens fi frażijiet jew kliem differenti ta' l-istess sentenza; dan jista' jkun kaġun ta' nuqqas ta' tħaddim morfoloġiku tal-lingwa għax kieku, ma kinux jagħmlu ħafna minn dawn l-iżbalji. Eżempju ieħor ta' dan in-nuqqas huwa:

". . . . *id-differenza* li hemm *hu* li dawn . . . ."
flok
". . . . id-differenza li hemm hi li dawn . . . ."

Minħabba nuqqas ta' spazju, żbalji komuni oħra ta' l-għ fil-verbi, l-użu ta' kliem barrani fil-Malti, żbalji sintattiċi u oħrajn ser jitħallew barra.

Waħda mill-problemi li dejjem iffaċċja l-Malti kienet dik ta' l-ortografija. Żgur li dan l-istudju jservi ta' fejda kemm għall-għalliema kif ukoll għal dawk l-istudenti li bi ħsiebhom jersqu għal dan l-eżami. Bi ftit ħsieb u prattika, wieħed jista' jevita ħafna żbalji speċjalment dawk ikkaġunati mit-traskuraġni.